

suġġetti għat-taxxa. Għalhekk, il-leġislażżjoni tal-Irlanda li tippermetti l-inklużjoni tal-persuni li ma humiex suġġetti għat-taxxa fi grupp tal-VAT tmur kontra d-direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU L347, p. 1

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Frar 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq**

(Kawża C-86/11)

(2011/C 145/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: R. Lyal, aġent)

*Konvenut:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara li billi jippermetti lil persuni li ma humiex suġġetti għat-taxxa jkunu membri ta' grupp tal-VAT (meqjusa bħala persuna taxxabli waħda għall-finijiet tal-VAT), ir-Renju Unit naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (<sup>1</sup>), tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud;
- tikkundanna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Għal raġunijiet prattiċi u sabiex tiġġieled l-abbużi possibbli, id-direttiva tal-VAT tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw lil żewġ persuni taxxabli jew iktar meħuda flimkien bħala persuna taxxabli waħda. Ir-rikorrenti ssostni li d-direttiva ma tawtorizzahomx jinkludu f'dan il-grupp lill-persuni li ma humiex suġġetti għat-taxxa, u li għalhekk jestendu d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni taxxabli għal persuni li ma humiex suġġetti għat-taxxa. Għalhekk, il-leġislażżjoni tar-Renju Unit li tippermetti l-inklużjoni tal-persuni li ma humiex suġġetti għat-taxxa fi grupp tal-VAT tmur kontra d-direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU L347, p. 1

**Appell ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2011 minn Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG mis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Diċembru 2010 mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-Kawża T 336/08 (L-Ewwel Awla), Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-98/11 P)

(2011/C 145/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Appellanti:* Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG (rappreżentanti: G. Hild, R. Lange, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas 17 ta' Diċembru 2010, fil-Kawża T-336/08 u li l-UASI tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell huwa intiż kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li permezz tagħha għet miċħuda t-talba tal-appellanti għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tal-11 ta' Ġunju 2008, li tiċħad l-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tridimensjonali li għandha l-forma ta' fenek magħmul miċ-ċikkulata b'żigarella ħamra.

L-appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, dwar il-prova tal-karattru distintiv tat-trade mark, la l-eżami mill-UASI u lanqas l-ewwelwazzjoni ġuridika mill-Qorti Ġenerali ma jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi, billi it-tnejn huma bbażati fuq suppożizzjonijiet. L-UASI spekulat li l-konstatazzjoni li fenek taċ-ċikkulata tal-Għid huwa forma tipika għall-Għid, hija valida għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni, u li dan ma huwiex ikkontestat. Madankollu, dan il-fatt dejjem kien ikkontestat, billi l-appellanti espressament ikkontestat din il-konstatazzjoni, billi espressament ressqet sottomissjonijiet estensivi. L-UASI u l-Qorti Ġenerali kellhom jieħdu kunsiderazzjoni ta' dan sabiex korrettament jittrattaw l-obbligu tagħhom ta' verifika skont l-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94. Barra minn dan, il-Qorti Ġenerali waslet ukoll għall-konklużjoni li l-użu ta' fojl dehbieni għall-fniek taċ-ċikkulata tal-Għid huwa abitwali fis-suq, minkejja l-fatt li s-sentenza tirreferi biss għal tliet prodotti oħra mgeżwra fi fojl dehbieni. Dan in-numru baxx ta' prodotti, fl-opinjoni tal-appellanti, ma jistax iwassal sabiex din il-karatteristika tkun meqjusa bħala "abitwali" fis-suq.